# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 1**

**Appell numru 323/99**

**Nazzareno Seguna**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti;**

**ID-DECIZJONI APPELLATA**

Dan huwa appell minn din id-decizjoni ta' l-Arbitru nominat taht l-att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318) moghtija fl-10 ta' Novembru 1999. Nazzareno Seguna appella minn din id-decizjoni.

> "Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur fejn ta lill-appellant beneficcju ghal dizabitata' wara li l-bord mediku ccertifika li l-appellant sofra dizabitata' permanenti ta' 7%.

L-appellant sostna li huwa sofra dizabilita' permanenti ta' bejn 20% u 25% f'ghajnejn il-leminija skond kif certifikat minn Dr. Dennis Mallia.

L-Arbitru irrefera l-kaz ghal quddiem il-Panel Mediku inkluz specjalista oftalmiku li min-naha tieghu kkonferma li r-rata ta' dizabilita' permanenti li sofra l-appellant kienet 7%. Jidher ghalhekk illi r-rata certifikata minn Dr. Mallia tirreferi ghan-nuqqas soffert fl-ghajn u mhux kif din id-dizabilita' teffettwa generali l-fakoltajiet tal-appellant.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell."

**KOSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti gie rilevat illi fis-seduta quddiem l-Arbitru tal-15 ta' Lulju 1999, gie verbalizzat li dan kien qed "jirreferi lill-appellant quddiem il-Panel Mediku b'dan illi wiehed mill-membri (sottolinjar tal-Qorti) ghandu jkun specjalista oftalmiku." Jirrizulta wkoll mill-verbal tal-21 ta' Ottubru 1999 ukoll quddiem l-Arbitru illi gie ezebit ir-rapport mediku datat 6 ta' Awissu 1999 "fejn fost il-membri (sottolinjar tal-Qorti) kien hemm l-oftalmiku Dr. P. Spiteri li ccertifika li d-dizabilta' permanenti tal-appellant hi ta' 7%." Fid-decizjoni arbitrali appellata gie premess ghad-decizjoni tal-Arbitru illi dan kien "irrifera l-kaz quddiem il-Panel Mediku, inkluz specjalista oftalmiku li min naha tieghu ikkonferma (sottolinjar tal-Qorti) li r-rata ta' dizabilita' permanenti li sofra l-appellant kienet ta' 7%.

Jirrizulta mill-atti li l-Panel Mediku kien jikkonsisti mit-tobba Dr. Edgar Agius, Dr. Vincent Moran u Dr. Charles Farrugia, li t-tlieta kienu ffirmaw

ir-rapport mediku. Gie stabbilit waqt it-trattazzjoni tal-appell li l-ebda wiehed minn dawn it-tobba ma kien specjalista oftalmiku. Gie wkoll stabbilit li dan il-Panel kien irrifera lill-appellant ghall-ezami tat-tabib oftalmiku Dr. P. Spiteri li eventwalment irraporta lill-istess Panel Mediku b'certifikat ta' dizabilita' permanenti ta' 7%. Ir-rapport ta' dan l-ispecjalista gie adottat mill-Panel. Dan l-ispecjalista pero' ma kienx partecipi fid-decizjoni finali tal-Panel Mediku billi teknikament ma kienx parti minnu.

L-appellant f'din il-procedura jsostni li "li l-komposizzjoni tal-Bord li ddecieda ma kientx konformi ma' dak ordnat mill-Arbitru."

Dan l-aggravju hu pruvat in kwantu l-Panel Mediku mahtur biex jezamina l-kaz ma kienx kompost kif ordnat mill-Arbitru. Gie wkoll sottomess mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali illi r-Regolamenti jipprovdu ghal-lista ta' tobba approvati biex joqghodu fuq il-Panel Mediku u ma kienx permess li tali lista tigi liberament alterata jew mizjuda. Meta sehh il-kaz taht ezami ma kienx hemm f'din il-lista specjalista oftalmiku fost it-tobba mahturin biex jiffurmaw il-Panel Mediku. Il-Qorti hi pero' tal-fehma li, f'cirkustanzi bhal dawn, dan il-fatt kien messu ngieb a konjizzjoni tal-Arbitru biex dan jipprovdi dwaru, jekk mehtieg ukoll billi jemenda l-ordni tieghu registrata fil-verbal tal-15 ta' Lulju 1999, fis-sens li flok ikun membru tal-Panel, l-ispecjalista oftalmiku jkun mahtur mill-istess Panel biex jaghti opinjoni esperta kif fil-fatt jidher li sar. Dan bla

ma jkun mehtieg li ghandu jkun wiehed mill-Panel li jiddeciedi l-aspett mediku tal-kaz.

L-aggravju tal-appellant kien ghalhekk jimmerita li jigi milqugh biex jigi assigurat li dan l-esercizzju investigattiv vitali ghad-decizjoni tal-mertu jkun regolarment kondott.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tannulla kemm id-decizjoni arbitrali appellata kif ukoll il-procedura li saret ghall-hatra tal-Panel Mediku li lilu l-Arbitru rrefera l-kaz.  Tirrimetti l-atti lill-istess Arbitru biex dan ikompli t-trattazzjoni tal-kaz fid-dawl tal-motivazzjoni ta' din is-sentenza.  Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mg